MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1235/2005

**Paolo Bonnici Limited**

**Vs**

**Bakels Malta Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm829.50 (tmien mija disgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsin centezmu) dovuti bhala prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjes u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-16 ta' Gunju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-14 ta' Lulju 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.
Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------